SAN GILJAN
KUMITAT AMMINISTRATTIV
Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 22c/KA1/12

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 09/07/'12 22**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 09/07/'12 28**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 09 ta' Lulju 2012.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Giljan, fis-6.00p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Chairperson Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva
Il-Membru Mary Grace Scicluna

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Assenti : Il-Membru Charles Agius.

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

1.06 Iċ-Ċermen Richard Scicluna ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-4 ta' Lulju 2012. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Stemma Kumitat Amministrattiv Paceville
4. Mistoqsijiet
5. Co-option ta' Membru tal-Kumitat Amministrattiv
6. Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2012
7. Komunikazzjoni miċ-Chairman
8. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 21c/KA1/12 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom

1.3.03 Il-Membru Grace Scicluna ssekondatu.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

1.3.05 Ġew iffirmati il-Minuti 22a/KA1/12 kif ukoll il-Minuti 22b/KA1/12. Għal dawn iż-żewġ seduti ma kienx hemm *quorum*.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| P328 | Email mingħand is-Sur Joseph Micallef mill-Go plc rigward il-cardphones Triq San Ġorġ ħdejn il-Plant Studio. |
| P377 | Talba mingħand is-Sur Ray Bonnici għal permess ta' riklam fuq għamara fit-toroq fi Triq Paceville kantuniera ma' Triq Ross. |
| P386 | Email mingħand it-Transport Malta rigward Un/Loading Bay ġo Triq Ross. |
| P418 & KA108 | Email mingħand il-Pulizija rigward l-oġġezzjoni għal ground tal-golf temporanju. |

P431, P488, P364 KA102, & KA76 Email mingħand it-Transport Malta rigward *road hump* fi Triq Paceville kantuniera ma' Triq Gort.

P446 Email mingħand it-Transport Malta rigward Pedestrian Crossing fi Triq il-Knisja.

P426 Email mingħand it-Transport Malta rigward tabelli edukattivi f'Paceville.

P480 Kwotazzjoni mingħand is-Sur Raymond Attard għas-servizz tat-tindif f'Paceville.

P492 Email mingħand il-Membru Ms. Mary Grace Scicluna rigward nuqqas ta' attendenza tagħha għal-laqgħa.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P377

2.02 Saret riferenza għat-talba li saret mingħand is-Sur Ray Bonnici għal permess ta' riklam fuq għamara fi Triq Paceville kantuniera ma' Triq Ross. Ġie deċiż unanimament li Sur Bonnici jiġi nnotifikat li l-Kumitat joġġezzjona għat-talba tiegħu. KA 0139/Gen/12 - MC

Rif. Nru. P386

2.03 Saret riferenza għall-email mingħand it-Transport Malta rigward Un/Loading Bay ġo Triq Ross. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jsibx oġġezzjoni sabiex ssir din l-Un/Loading Bay. KA 0140/43c/12 - MC & PRS No. 188/2012

Rif. Nru. P431

2.04 B'riferenza għall-korrispondenza mit-Transport Malta, il-Kumitat ġie nfurmat li t-talba biex issir 'road hump' fi Triq Paceville k/m Triq Gort ma ġietx aċċettata iżda t-Transport Malta rrakkomandat li jiġu mplimentati *SLOW signs u road markings.*

2.05 Ġie deċiż unanimament li jsiru s-*SLOW signs u road markings.* PRS Nos. 185/2012 and 186/2012

Rif. Nru. P446 & K084

2.06 Saret riferenza għall-email mingħand it-Transport Malta rigward *Pedestrian Crossing* fi Triq il-Knisja (ara inc. P446/12) b'konnessjoni mal-Minuti 21c/KA1/12 taqsima 4, paragrafu 4.03 u għall-korrispondenza li ntbagħtet lit-Transport Malta (ara rif. K084/43b/12 rigward l-istess *Pedestrian Crossing* fi Triq il-Knisja. Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni tal-Kumitat sabiex ikun konsistenti fit-talbiet li jagħmel minħabba li dawn iż-żewġ korrispondenzi jittrattaw fuq l-istess materja b'talbiet differenti. Dan qed iwassal sabiex qed tinħoloq konfużjoni għall-amministrazzjoni.

2.07 Il-Kumitat ma ħa l-ebda deċiżjoni fuq dawn iż-żewġ korrispondenzi.

Rif. Nru. P 426

2.08 Saret Riferenza għal-Minuti 21c/KA1/12 taqsima 4 paragrafu 4.01 fejn il-Kumitat informa lit-Transport Malta li jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni l-Kumitat Amministrattiv ser iwaħħal numru ta' tabelli f'diversi toroq f'Paceville. Il-Kumitat ġie nfurmat li Transport Malta ma tapprovax dawn it-tip ta' tabelli.

2.09 Għalhekk il-Kumitat qabel unanimament li tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex jitwaħlu tabelli skont is-sample approvati fil-Minuti 21c/KA1/12, bil-kwantita' u l-ispeċifikazzjoni mniżżla hawn taħt:

a) Mitt (100) tabella ta' materjal *PVC fabricated rigid and durable water resistant 8mm thickness* b'qies ta' 42cm x 30cm. u fuqhom ikollhom sticker imwaħla u din trid tkun tiflaħ l-elementi kollha.

b) Mitt (100) *Galvanized pipe* ta' 3 metri tul b' *1 ¾ inches.*

c) *Galvanized saddles* viti u skorvini biex jeħlu t-tabelli mal-pipe.

d) Isiru ħames mitt (500) sticker bħas-sample A mehmuż.

e) Isiru ħames mitt (500) sticker bħas-sample B mehmuż.

f) Isiru mitejn u ħamsin (250) sticker bħas-sample C mehmuż.

g) Isiru mitt (100) sticker bħas-sample D mehmuż.

h) L-isem taħt il-logo jkun bil-Malti u bl-Ingliż, kif ġej:

   1) Kumitatt Amministrattiv Paceville
   2) Paceville Administrative Committee

i) It-tabelli jeħlu ġo Triq:-

   1) Salvu Privitera k/m Triq Paceville
   2) Gort (In-naħa ta' fuq fejn l-Avenue)
   3) Dobbie (ħdejn it-Terrazza Restaurant)
   4) Schreiber (ħdejn l-ESE School)
   5) Paceville k/m Triq Wilġa (faċċata tal-hanut Friction)
   6) Wilġa k/m Triq Paceville
   7) Paceville k/m Triq Wilġa
   8) Paceville (faċċata tal-genb tal-Hotel Vivaldi)
   9) id-Dragonara (faċċata tal-Vivaldi Hotel)

j) L-informazzjoni dwar kemm ser jitwaħħlu tabelli f'kull triq tingħata aktar 'il-quddiem.

k) Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat jistenna li tiġi ppubblikata l-istemma tal-Kumitat Amministrattiv Paceville, fil-Gazetta tal-Gvern qabel jiġu pprintjati l-istickers.

2.10 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibded l-attenzjoni tal-Kumitat li hemm kuntrattur li qed jinsisti li jitħallas għal xogħol li ġie mqabbad jagħmel minn membru tal-kumitat b'konnesjoni ma' paragrafu 2.09.

2.11 Iċ-Ċermen kif ukoll il-membri preżenti ddikjaraw li ma taw l-ebda *direct order* biex isiru xi xogħolijiet fuq dawn it-tabelli jew stickers jew xogħolijiet oħra b'konnessjoni mal-paragrafu 2.09 u għalhekk m'għandu jsir l-ebda pagament.

Rif Nru. P480

2.12 Saret riferenza għall-kwotazzjoni mingħand is-Sur Raymond Attard dwar servizz adizzjonali.

2.13 Il-Kumitat iddiskuta l-problema tat-tindif li teżisti ġewwa Paceville fl-istaġun tas-Sajf peress li f'dan il-perjodu jkun hemm influss ta' nies. Għalhekk ġie deċiż unanimament li:-

a) għall-perjodu mill-15 ta' Lulju 2012 sal-15 ta' Settembru 2012, jibda jingħata servizz adizzjonali ta' tindif tat-toroq ġo Paceville, kull nhar ta' Erbgħa, il-Ġimgħa u l-Ħadd mill-4.30 p.m.

b) tiġi aċċettata l-kwotazzjoni ta' Raymond Attard. KA0131/04…/12 -JC

Rif. Nru. P492

2.14 Saret riferenza għal-email mingħand il-Membru Grace Scicluna dwar in-nuqqas t'attendenza tagħha għal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn 2 ta' Lulju 2012. Iċ-Ċerman ddikjara li ma kienx ġie nfurmat li ma setgħetx tattendi għal-laqgħa.

**3 Stemma Kumitat Amministrattiv Paceville**

3.01 Saret riferenza għad-dokument tal-istemma li kien ġie approvat mill-Kumitat fil-laqgħa 20/KA1/12 tas-27 ta' Frar 2012 (Ara Appendiċi 'E'). Il-Kumitat ġie nfurmat li meta dan id-dokument intbagħat lis-Sur Adrain Strickland (Heraldist) biex jiġi ffirmat huwa nforma lill-Amministrazjoni tal-Kunsill li dan id-dokument ma kienx korrett u għalhekk ipprovda d-dokument uffiċċjali (Ara Appendiċi 'F').

3.02 Wara diskussjoni ċ-Ċermen ippropona l-approvazzjoni ta' din l-istemma (Appendiċi 'F').

3.03 Il-Membru Grace Scicluna ssekondatu.

3.04 Il-Kumitat qabel unanimament. - KA0142/157 & 259/12 - MM

## 4 Mistoqsijiet

4.01 Il-Kumitat ġie ppreżentat bil-mistoqsijiet mressqa mill-Membru Joe Oliva u bir-risposta tagħhom (Ara Appendiċi 'G').

4.02 Dwar il-mistoqsija Nru. 4 ġie deċiż li jiġi nfurmat l-Enforcement Officer biex tiġi nfurzata aktar is-sorveljanza tar-*residential parking* ġewwa Paceville.- KA 0141/194/12-MC

## 5 Co-option ta' Membru tal-Kumitat Amministrattiv

5.01 Iċ-Ċermen ippropona li jiġi avviċinat is-Sur Clayton Tanti Gregoraci biex ikun membru fl-Kumitat Amministrattiv Paceville. KA0135/259/12 -mm & Inc. 534/12

5.02 Il-Membru Grace Scicluna ssekondatu.

5.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

5.04 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li jekk is-Sur Tanti Gregoraci jaċċetta il-kariga, l-Membru Grace Scicluna tkun il-Viċi-Chairperson peress li għandha it-tieni l-aktar voti ta' l-istess partit.

5.05 Il-Membru Grace Sciluna aċċettat il-kariga.

## 6 Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2012

6.01 Il-Kumitat ġie ppreżentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2012 (Ara Appendiċi 'H').

6.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni ddettaljata ta' dan ir-rapport.

6.03 Il-Membru Grace Scicluna pproponiet l-approvazzjoni tiegħu.

6.04 Il-Membru Joe Oliva ssekondaha.

6.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

7 **Kommunikazzjoni miċ-Chairman**

7.01 Iċ-Ċermen innotifika lill-Membri tal-Kumitat li rigward l-avviż sabiex isir xogħol ta' surveying fl-area ta' Triq Spinola n-naħa ta' Palazz Spinola, fejn ser issir il-pavimentar (Ara Rif. 3080/12 u l-*Advert* – Appendiċi 'I'), intgħażlet l-aktar offerta vantaġġjuża li hija dik tal-matSURV & Associates Ltd.

7.02 Il-Kumitat ġie notifikat li mhux ser jingħata l-paving blocks mill-MRRA kif kien miftiehem biex isir in-naħa tal-Palazz fi Triq Spinola. Dan minħabba li tip li għandhom huwa tip li jiżloq. Għalhekk ġie deċiż li tintalab stima tal-paving blocks mingħand l-MP & DC biex issir l-bankina tan-naħa tal-Palazz fi Triq Spinola kantuniera ma' Triq il-Knisja.-KA0143/43b/12 · mc

8 **Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'J').

8.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra reġistrata lill-Velljo Services fejn jingħad li l-Kumitat mhuwiex sodisfatt bis-servizz qed isir ġewwa Paceville. KA0132/Tend. F1/12 · mm

8.03 Il-Membru Grace Scicluna ppropóniet l-approvazzjoni tagħhom.

8.04 Iċ-Ċermen issekondaha.

8.05 Din il-mozzjoni għaddiet għall-votazzjoni fejn żewġ Membri ivvutaw favur filwaqt li l-Membru Joe Oliva astjena.

8.06 Is-Sindku ġie skużat fis-7.55p.m.

9 **Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

9.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 173 sa nru. 184 għall-approvazzjoni (Ara appendiċi 'K').

9.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

9.03 Iċ-Ċermen ssekondah.

9.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

9.05 Il-laqgħa tax-xahar t'Awwissu ser issir nhar il-Ħamis 30 t'Awwissu 2012 fis-6.00p.m.

9.07 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fit-8.00p.m.

**Richard Scicluna**
**Ċermen**
13/9/12.

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**